31994L0060

31.12.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 365/1

ID-DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL 94/60/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 1994

li temenda għall-erbatax-il darba d-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Jaġixxi bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 189b tat-Trattat [3],

Billi għandhom jiġu adottati miżuri għall-ilħuq tas-suq intern; billi s-suq intern huwa żona mingħajr fruntieri interni li fiha, il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital, huwa garantit;

Billi xogħol fis-suq intern għandu wkoll itejjeb gradwalment il-kwalità tal-ħajja, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumatur; billi il-miżuri proposti minn din id-Direttiva jaqblu mar-risoluzzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Novembru 1989 dwar il-prijoritajiet futuri għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-politika ta' protezzjoni tal-konsumatur [4];

Billi l-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, adottaw id-Deċiżjoni 90/238/Euratom, KEFA, KEE [5] dwar il-pjan ta' azzjoni mill-1990 sa l-1994 fil-kuntest tal-programm "L-Ewropa kontra l-Kanċer";

Billi s-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [6] u li huma kklassifikati bħala kategorija 1 jew 2 ta' karċinoġeni jistgħu jikkawżaw il-kanċer; billi biex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa, sustanzi u preparazzjonijiet li fihom dawn il-karċinoġeni, m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-użu tal-pubbliku ġenerali;

Billi s-sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE u li huma kklassifikati bħala kategorija 1 jew 2 ta' mutaġeni jistgħu jikkawżaw ħsara ġenetika li tintiret; billi biex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa, sustanzi u preparazzjonijiet li fihom dawn il-mutaġeni, m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-użu mill-pubbliku ġenerali;

Billi s-sustanzi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE u li huma kklassifikati bħala sustanzi tossiċi ta' kategorija 1 jew 2 għal raġunijiet ta' riproduzzjoni jistgħu jikkawżaw difetti fit-twelid; billi biex tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa, sustanzi u preparazzjonijiet li fihom dawn is-sustanzi tossiċi, m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-użu tal-pubbliku ġenerali;

Billi, għal raġunijiet ta' trasperenza u ċarezza, sustanzi bħal dawn għandhom jiġu riferuti bl-użu ta' nomenklatura rikonoxxuta, preferibbilment dik ta' l-Iupac (Unjoni Internazzjonali ta' Kimika Pura u Applikata); billi l-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE ("Lista ta' sustanzi perikoluż") huwa aġġornat regolarment permezz ta' addattament għall-progress tekniku; billi l-Kummissjoni sejra tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni ta' l-addattament għall-progress tekniku fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*, proposta għal Direttiva li tirregola s-sustanzi ġodda kklassifikati bħala karċinoġeni fil-kategoriji 1 u 2, mutaġeniċi fil-kategoriji 1 u 2, u tossiċi fil-każ tar-riproduzzjoni fil-kategoriji 1 u 2, biex b'hekk jaġġornaw din id-Direttiva;

([1]) ĠU C 157, ta' l-24.6.1992, p. 6.
([2]) ĠU C 332, tas-16.12.1992, p. 8.
([3]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 1994 (ĠU C 44, ta' l-14.2.1994, p. 2), il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 1994 (ĠU C 244, tal-31.8.1994, p. 1) u id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 1994 (ĠU C 323, tal-21.11.1994).
([4]) ĠU C 294, tat-23.11.1989, p. 1.
([5]) ĠU L 137, tat-30.5.1990, p. 31.
([6]) ĠU L 196, tas-16.8.1967, p. 1/67. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/632/KEE (ĠU L 338, ta' l-10.12.1991, p. 23).

Billi l-imsemmija proposta mill-Kummissjoni ser tikkunsidra r-riskji u l-vantaġġi tas-sustanzi kklassifikati ġodda kif ukoll id-dispożizzjonijiet leġislattivi tal-Komunità dwar l-analiżi tar-riskju;

Billi l-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE jistabbilixxi limiti individwali ta' konċentrazzjoni għal sustanzi bħal dawn u, finnuqqas ta' limiti bħal dawn, it-Tabella VI ta' l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 88/379/KEE [1], tistabbilixxi limiti ġenerali ta' konċentrazzjoni li japplikaw għal sustanzi bħal dawn li jinsabu fit-preparazzjonijiet;

Billi l-creosote, kif definit fl-Anness għal din id-Direttiva, jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa minħabba l-kontenut magħruf tiegħu ta' karċinoġeni; billi għal dawn ir-raġunijiet l-użu ta' Creosote fit-trattament ta' l-injam u l-*marketing* u l-użu ta' injam trattat bil-Creosote għandhom ikunu limitati;

Billi xi whud mill-komponenti tal-Creosote ma jiġux degradati għal kollox u ta' ħsara għal ċerti organiżmi fl-ambjent; billi dawn il-komponenti jistgħu jidħlu fl-ambjent bħala riżultat ta' l-użu ta' injam ittrattat;

Billi xi solventi klorinati jirrapreżentaw periklu għas-saħħa u m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali f'sustanzi jew fi preparazzjonijiet;

Billi r-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' Creosote fit-trattament ta' l-injam, fil-*marketing* u l-użu ta' injam trattat bil-Creosote u fuq l-użu ta' solventi klorinati mniżżla f'din id-Direttiva jikkunsidraw l-istat kurrenti ta' tagħrif u teknika dwar alternattivi ta' aktar sigurtà;

Billi r-restrizzjonijiet diġà adottati minn ċerti Stati Membri dwar il-kummerċ u l-użu tas-sustanzi msemmija hawn fuq jew il-preparazzjonijiet li jkun fihom dawn is-sustanzi jaffettwaw direttament l-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern; billi huwa għalhekk neċessarju li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam u konsegwentement li jiġi emendat l-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE [2];

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-leġislazzjoni tal-Komunità li tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema li jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE [3] u f'direttivi individwali ibbażati fuq hekk, b'mod partikolari d-Direttiva 90/394/KEE [4],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE huwa b'dan il-mezz emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adozzjoni u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-20 ta' Ġunju 1995.

2. Meta xi Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex isiru dawn it-tipi ta' referenzi għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1994.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
K. HÄNSCH	K. KINKEL

[1] ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 14. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/18/KEE (ĠU L 104, tad-29.4.1993, p. 46).

[2] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/659/KEE (ĠU L 363, tal-31.12.1991, p. 36).

[3] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

[4] ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1.

L-ANNESS

L-Anness I li ġej huwa miżjud mad-Direttiva 76/769/KEE:

"Deskrizzjoni tas-sustanzi, tal-grupp ta' sustanzi jew tal-preparazzjonijiet	**Kondizzjonijiet ta' restrizzjoni**
29. Sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE ikklassifikati bħala kategorija ta' karċinoġeni 1 u kategorija ta' karċinoġeni 2 u mmarkati mill-inqas bħala 'Tossiċi (T)' bil-frażi ta' riskju R45: 'Jistgħu jikkawżaw il-kanċer' jew il-frażi ta' riskju R49: 'Jistgħu jikkawżaw il-kanċer billi jinxtammu', u elenkati kif ġej: Kategorija ta' karċinoġeni 1 Ara l-Lista 1 fl-Appendiċi Kategorija ta' karċinoġeni 2 Ara Lista 2 fl-Appendiċi	Ma jistgħux jintużaw f'sustanzi u fi preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali f'konċentrazzjoni individwali daqs jew ikbar minn: — jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, jew — il-konċentrazzjoni speċifikata f'punt 6, it-Tabella VI, ta' l-Anness I għad-Direttiva 88/379/KEE fejn ma jidher l-ebda limitu ta' konċentrazzjoni fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE. Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, imballaġġ u ttikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jkun immarkat b'mod li jista' jinqara u li ma jitħassarx, kif ġej: 'Ristrett għal utenti professjonali. Attenzjoni - Evita l-espożizzjoni - ikseb struzzjonijiet speċjali qabel l-użu'. Permezz ta' deroga, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal: (a) prodotti mediċinali u veterinarji kif definiti bid-Direttiva 65/65/KEE ([1]); (b) prodotti kosmetiċi kif definiti bid-Direttiva 76/768/KEE ([2]); (c) — fjuwils tal-magni li huma koperti bid-Direttiva 85/210/KEE ([3]), — prodotti taż-żjut minerali maħsubin sabiex jintużaw bħala fjuwil f'impjanti tal-kombustjoni mobbli jew fissi, — fjuwils mibjugħin f'sistemi magħluqa (eż. fliexken ta' gass likwidu); (d) sustanzi u preparazzjonijiet ieħor elenkat fl-Anness I għal din id-Direttiva, taħt il-punti għjr 30 u 31; (e) żebgħa ta' l-artisti koperta bid-Direttiva 88/379/KEE ([4]).
30. Sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE kklassifikati bħala kategorija ta' mutaġeni 1 jew kategorija ta' mutaġeni 2 u mmarkati bil-frażi ta' riskju R46: 'Jistgħu jikkawżaw ħsara ġenentika li tintiret', u elenkata kif segwit:	Ma jistgħux jintużaw f'sustanzi u preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali f'konċentrazzjoni individwali daqs jew ikbar minn:

Kategorija ta' mutaġen 1
Ara l-Lista 3 fl-Appendiċi

Kategorija ta' mutaġen 2
Ara l-Lista 4 fl-Appendiċi

— jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, jew

— il-konċentrazzjoni speċifikata f'punt 6, it-Tabella VI, ta' l-Anness I tad-Direttiva 88/379/KEE fejn ma jidher l-ebda limitu ta' konċentrazzjoni fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE.

Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jiġi ttikkettjati b'mod li jista' jinqara u b'mod li ma jitħassarx, kif ġej: 'Ristrett għal utenti professjonalment. Attenzjoni - Evita l-espożizzjoni - ikseb istruzzjonijiet speċjali qabel l-użu'.

Permezz ta' deroga, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal:

(a) prodotti mediċinali u veterinarji kif definiti bid-Direttiva 65/65/KEE;

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti bid-Direttiva 76/768/KEE;

(c) - fjuwils tal-magni li huma koperti bid-Direttiva 85/210/KEE,

— prodotti taż-żjut minerali maħsubin sabiex jintużaw bħala fjuwil f'impjanti tal-kombustjoni mobbli jew fissi,

— fjuwils mibjugħin f'sistemi magħluqa (eż. fliexken ta' gass likwidu);

(d) sustanzi u preparazzjonijiet ieħor elenkat fl-Anness I għal din id-Direttiva, taħt il-punti għjr 30 u 31;

(e) żebgħa ta' l-artisti koperta bid-Direttiva 88/379/KEE.

31. Sustanzi li jidhru fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE kklassifikati bħala tossiċi fil-każ ta' riproduzzjoni kategorija 1 jew tossiċi fil-każ ta' riproduzzjoni kategorija 2 u mmarkati bil-fraži ta' riskju R60: 'Jistgħu jtellfu il-fertilità' u/jew R61: 'Jistgħu ikunu ta' ħsara għat-tarbija li se titwieled', u elenkati kif ġej:

Tossiċi għal għanijiet ta' riproduzzjoni kategorija 1
Ara l-Lista 5 fl-Appendiċi

Tossiċi għal għanijiet ta' riproduzzjoni kategorija 2
Ara l-Lista 6 fl-Appendiċi

Ma jistgħux jintużaw f'sustanzi u preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali f'konċentrazzjoni individwali daqs jew ikbar minn:

— jew il-konċentrazzjoni speċifikata fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE, jew

— il-konċentrazzjoni speċifikata f'punt 6, it-Tabella VI, ta' l-Anness I tad-Direttiva 88/379/KEE fejn ma jidher l-ebda limitu ta' konċentrazzjoni fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE.

Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jiġi mmarkat b'mod li jista' jinqara u b'mod li ma jitħassarx, kif ġej: 'Ristrett għal utenti professjonalment. Attenzjoni - Evita l-espożizzjoni - ikseb istruzzjonijiet speċjali qabel l-użu'.

Permezz ta' deroga, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal:

(a) prodotti mediċinali u veterinarji kif definiti bid-Direttiva 65/65/KEE;

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti bid-Direttiva 76/768/KEE ([2]);

(c) — fjuwils tal-magni li huma koperti bid-Direttiva 85/210/KEE ([3]),

— prodotti taż-żjut minerali maħsubin sabiex jintużaw bħala fjuwil f'impjanti tal-kombustjoni mobbli jew fissi,

— fjuwils mibjugħin f'sistemi magħluqa (eż. fliexken ta' gass likwidu);

(d) sustanzi oħra u preparazzjonijiet elenkati fl-Anness I ta' din id-Direttiva, skond l-inċiżi minbarra 29 u 30;

(e) żebgħa ta' l-artisti koperti bid-Direttiva 88/379/KEE.

32. Sustanzi u preparazzjonijiet li fihom wieħed jew iżjed minn dawn li ġejjin:

(a) Creosote Einecs Nru 232-287-5
SAK Nru 8001-58-9

(b) Żejt tal-Creosote Einecs Nru 263-047-8
SAK Nru 61789-28-4

(c) Distillati (qatran tal-faħam), żjut tan-naftalina Einecs Nru 283-484-8
SAK Nru 84650-04-4

(d) Żejt tal-creosote, frazzjoni ta' aċenaftalina Einecs Nru 292-605-3
SAK Nru 90640-84-9

(e) Distallati (qatran tal-faħam), ta' fuq Einecs Nru 266-026-1 SAK Nru 65996-91-0

(f) Żejt ta' l-antraċene Einecs Nru 292-602-7 SAK Nru 90640-80-5

(g) Aċidi tal-qatran, Faħam, Mhux raffinat Einecs Nru 266-019-3 SAK Nru 65996-85-2

(h) Creosote, injam Einecs Nru 232-419-1
SAK Nru 8021-39-4

(j) Żejt tal-qatran b'temperatura baxxa, alkalin Einecs Nru 310-191-5 SAK Nru 122384-78-5

32.1. Ma jistgħux jintużaw għat-trattament ta' l-injam jekk ikun fihom:

(a) benzo-a-pyrene f'konċentrazzjoni ta' iktar minn 0,005 % bil-piż; jew

(b) *phenols* li jistgħu jittieħdu mill-ilma b'konċentrazzjoni ta' iktar minn 3 % bil-piż jew ittnejn (a) u (b).

Barra minnhekk injam ittrattat b'dan il-mod ma jistax jitpoġġa fis-suq.

Iżda permezz ta' deroga:

(i) Fir-rigward tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet: dawn jistgħu jiġu wżati għat-trattament ta' l-injam f'installazzjonijiet industrijali jekk ikollhom:

(a) benzo-a-pyrene b'konċentrazzjoni ta' inqas minn 0,05 % bil-piż; u

(b) *phenols* li jistgħu jittieħdu mill-ilma b'konċentrazzjoni ta' inqas minn 3 % bil-piż.

Sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn:

— jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'imballaġġ li jesa' daqs jew iktar minn 200 litru

— ma jistax jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, imballaġġ u ttikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn għandu jkun mmarkat b'mod li jista' jinqara u b'mod li ma jitħassarx, kif ġej: 'Għal użu f'installazzjonijiet industrijali biss'.

(ii) Fir-rigward ta' injam trattat skond (i) li jitpoġġa fis-suq għall-ewwel darba: dan huwa permess għal użu professjonali u industrijali biss, eż. fil-linji tal-ferrovija, fi trasmissjonijiet u telekomunikazzjonijiet ta' l-elettriku, għallgħeluq (*fencing*) u fil-portijiet u f'mogħdijiet ta' l-ilma.

Iżda, injam bħal dan ma jistax jintuża:

— ġewwa l-bini kemm jekk għal skopijiet dekorattivi u kif ukoll jekk le, ikun x'ikun l-iskop (residenza, xogħol, ħin liberu),

— għall-manifattura ta' reċipjenti maħsubin għal skopijiet ta' tkabbir u kull ritrattament u l-manifattura ta' imballaġġ li jista' jiġi f'kuntatt ma', jew ta' materjali oħra li jistgħu jikkontaminaw, prodotti ta' materja prima, intermedji u/jew lesti maħsubin għall-konsum mill-bnedmin u/jew mill-annimali, u kull ritrattament,

— fil-grawnds u f'postijiet pubbliċi oħra ta' divertiment fil-beraħ jew f'sitwazzjonijiet fejn hemm ir-riskju li jista' jiġi f'kuntatt mal-ġilda.

(iii) Fir-rigward ta' injam trattat diġà: il-projbizzjoni m'għandix tapplika meta dan ikun poġġut fis-suq bħala *second-hand*. Iżda, injam bħal dan ma jistax jintuża:

— ġewwa l-bini kemm għal skopijiet dekorattivi u kemm le, ikun x'ikun l-iskop (residenza, xogħol, ħin liberu),

— għall-manifattura ta' reċipjenti maħsubin għal skopijiet ta' tkabbir u kull ritrattament u l-manifattura ta' imballaġġ li jista' jiġi f'kuntatt ma', jew ta' materjali oħra li jistgħu jikkontaminaw, prodotti ta' materja prima, intermedji u/jew lesti intiżi għall-konsum mill-bnedmin u/jew mill-annimali, u kull ritrattament,

— fil-grawnds u f'postijiet pubbliċi oħra ta' divertiment fil-beraħ.

33. Chloroform SAK Nru 67-66-3

34. Carbon tetrachloride SAK Nru 56-23-5

35. 1,1,2 Trichloroethane SAK Nru 79-00-5

36. 1,1,2,2, Tetrachloroethane SAK Nru 79-34-5

37. 1,1,1,2 Tetrachloroethae SAK Nru 630-20-6

38. Pentachloroethane SAK Nru 76-01-7

39. 1,1 Dichloroethylene SAK Nru 75-35-4

40. 1,1,1 Trichloroethane SAK Nru 71-55-6

Ma jistgħux jintużaw f'konċentrazzjonijiet daqs jew iktar minn 0,1 % mill-piż fis-sustanzi u preparazzjonijiet impoġġija fis-suq għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-klassifikazzjoni, imballaġġ u ttikkettjar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż, l-imballaġġ ta' sustanzi u preparazzjonijiet bħal dawn li jinsabu fihom dawn is-sustanzi f'konċentrazzjoni daqs jew iktar minn 0,1 % għandhom jiġu mmarkati b'mod li jistgħu jinqaraw u b'mod li ma jitħassarx kif ġej: 'Ristretti għal utenti professjonali'.

Permezz ta' deroga din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal:

(a) prodotti mediċinali u veterinarji kif definiti bid-Direttiva 65/65/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/381/KEE;

(b) prodotti kosmetiċi kif definiti bid-Direttiva 76/768/KEE, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/679/KEE.

(1) ĠU C 22, tad-9.2.1965, p. 369/65. Id-Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar bid-Direttiva 93/39/KEE (ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 22).
(2) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar bid-Direttiva 93/35/KEE (ĠU L 151, tat-23.6.1993, p. 32).
(3) ĠU L 96, tat-3.4.1985, p. 25.
(4) ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 14.

APPENDIĊI

Punt 29 - Karċinoġeni

Lista 1, kategorija 1

2-naphthylamine; B-naphthylamine	SAK Nru 91-5999-8
biphenyl-4-ylamine; xenylamine; 4-aminobiphenyl	SAK Nru 92-67-1
benzidine; 4,4'-diaminobiphenyl; biphenyl-4,4'-ylenediamine	SAK Nru 92-87-5
triossidu tal-kromju	SAK Nru 1333-82-0
aċidu arseniku u l-imluħa tiegħu	SAK Nru —
pentossidu arseniku; ossidu arseniku	SAK Nru 1303-28-2
triossidu diarseniku; triossidu arseniku	SAK Nru 1327-53-3
asbestos	SAK Nru 132207-33-1 132207-32-0 12172-73-5 77536-66-4 77536-68-6 77536-67-5
benzene	SAK Nru 71-43-2
bis (chloromethyl) ether	SAK Nru 542-88-1
chloromethyl methyl ether, chlorodimethyl ether	SAK Nru 107-30-2
dinickel trioxide	SAK Nru 1314-06-3
erionite	SAK Nru 12510-42-8
diossidu tan-nikil	SAK Nru 12035-36-8
monossidu tan-nikil	SAK Nru 1313-99-1
nickel subsulphide	SAK Nru 12035-72-2
nickel sulphide	SAK Nru 16812-54-7
imluħa ta' 2-naphthylamine	SAK Nru —
imluħa ta' biphenyl-4-ylamine; imluħa ta' xenylamine; imluħa ta' 4-amino-biphenyl	SAK Nru —
imluħa ta' *benzidine*	SAK Nru —
vinyl chloride; chloroethylene	SAK Nru 75-01-4
kromati taż-żingu inkluż kromat tal-potassju taż-żingu	SAK Nru —

Lista 2, kategorija 2

1-methyl-3-nitro-1-nitrosoguanidine	SAK Nru 70-25-7
1,2-dibromo-3-chloropropane	SAK Nru 96-12-8
1,2-dimethylhydrazine	SAK Nru 540-73-8
1,3-butadiene, buta-1,3-diene	SAK Nru 106-99-0
1,3-dichloro-2-propanol	SAK Nru 96-23-1
1,3-propanesultone	SAK Nru 1120-71-4
3-propanolide; 1,3-propiolactone	SAK Nru 57-57-8
1,4-dichlorobut-2-ene	SAK Nru 764-41-0
2-nitronaphtelene	SAK Nru 581-89-5
2-nitropropane	SAK Nru 79-46-9
2,2'-dichloro-4,4'-methylenedianiline; 4,4'-methylene bis (2-chloroaniline)	SAK Nru 101-14-4
2,2' -(nitrosoimino)bisethanol	SAK Nru 1116-54-7
3,3'-dichlorobenzidine; 3,3'-dichlorobiphenyl-4,4'-ylenediamine	SAK Nru 91-94-1
3,3'-dimethoxybenzedine; o-dianisidine	SAK Nru 119-90-4
3,3'-dimethylbenzidine; o-tolidine	SAK Nru 119-93-7
4-aminoazobenzene	SAK Nru 60-09-3
4-amino-3-fluorophenol	SAK Nru 399-95-1
4-methyl-m-phenylenediamine	SAK Nru 95-80-7
4-nitrobiphenyl	SAK Nru 92-93-3
4,4'-methylenedi-o-toluidine	SAK Nru 838-88-0
4,4'-diaminodiphenylmethane; 4,4'-methylenedianiline	SAK Nru 101-77-9
5-nitroacenaphtene	SAK Nru 602-87-9
4-o-tolylazo-o-toluidine; 4-amino-2',3-dimethylazobenzene; bażi ta' fast gamet GBC; AAT; o-aminoazotoluene	SAK Nru 97-56-3
disodium-[5[(4'-((2,6-hydroxy-3-((2-hydroxy-5-sulphophenyl) azo)phenyl)azo)(1,1'-biphenyl)-4-yl)azo]salicylato(4-))cuprate(2-); CI Direct Brown 95	SAK Nru 16071-86-6
cadmium oxide	SAK Nru 1306-19-0
Estratti (petroleum), solvent distillat nafteniku tqil	SAK Nru 64742-11-6
Estratti (petroleum), solvent distillat parafiniku tqil	SAK Nru 64742-04-7
Estratti (petroleum), solvent distillat nafteniku ħafif	SAK Nru 64742-03-6

Estratti (petroleum), solvent distillat parafiniku ħafif	SAK Nru 64742-05-8
Estratti (petroleum), solvent taż-żejt gass vakwu ħafif	SAK Nru 91995-78-7
Idrokarboni, C26-55-, fihom ħafna arom	SAK Nru 97722-04-8
N,N-dimethylhydrazine	SAK Nru 57-14-7
acrylamide	SAK Nru 79-06-1
acrylonitrile	SAK Nru 107-13-1
α,α,α-trichlorotoluene; benzotrichloride	SAK Nru 98-07-7
benzo[a]anthracene	SAK Nru 56-55-3
benzo[a]pyrene; benzo[d,e,f]chrysene	SAK Nru 50-32-8
benzo[b]fluoranthene; benzo[e]acephenanthrylene	SAK Nru 205-99-2
benzo[j]fluoroanthene	SAK Nru 205-82-3
benzo[k]fluoranthene	SAK Nru 207-08-9
beryllium	SAK Nru 7440-41-7
komponenti tal-beryllium bl-eċċezzjoni ta' aluminium beryllium silicates	SAK Nru —
cadmium chloride	SAK Nru 10108-64-2
cadmium sulphate	SAK Nru 10124-36-4
cadmium chromate	SAK Nru 13765-19-0
captafol (OIS);	SAK Nru 2425-06-1
1,2,3,6-tetrahydro-N-(1,1,2,2-tetrachloroethylthio)phthalamide carbadox (INN); methyl-3-(quinoxalin-2-ylmethylene)carbazate 1,4-dioxide; 2-(methoxycarbonylhydrazonomethyl)quinoxaline 1,4-dioxide	SAK Nru 6804-07-5
chromium III chromate; chromic chromate	SAK Nru 24613-89-6
diazomethane	SAK Nru 334-88-3
dibenz[a,h]anthracene	SAK Nru 53-70-3
diethyl sulphate	SAK Nru 64-67-5
dimethyl sulphate	SAK Nru 77-78-1
dimethylcarbamoyl chloride	SAK Nru 79-44-7
N-nitrosodimethylamine; dimethylnitrosamine	SAK Nru 62-75-9
dimethylsulfamoylchloride	SAK Nru 13360-57-1
1-chloro-2,3-epoxypropane; epichlorthydrin	SAK Nru 106-89-8
1,2-dichloroethane; ethylene dichloride	SAK Nru 107-06-2
ethylene oxide; oxirane	SAK Nru 75-21-8
ethyleneimine; aziridine	SAK Nru 151-56-4
hexachlorobenzene	SAK Nru 118-74-1
hexamethylphosphoric triamide; hexamethylphosphoramide	SAK Nru 680-31-9
hydrazine	SAK Nru 302-01-2
hydrazobenzene; 1,2-diphenylhydrazine	SAK Nru 122-66-7
methyl acrylamidomethoxyacetate (li fih ≥ 0,1 % acrylamid)	SAK Nru 77402-03-0
methyl-ONN-azomethyl acetate; methyl azoxy methyl acetate	SAK Nru 592-62-1
nitrofen (OIS); 2,4-dichlorophenyl 4-nitrophenyl ether	SAK Nru 1836-75-5
nitrosodipropylamine	SAK Nru 621-64-7
2-methoxyaniline; o-anisidine	SAK Nru 90-04-0
bromur tal-potassju	SAK Nru 7758-01-2
propylene oxide; 1,2-epoxypropane; methyloxirane	SAK Nru 75-56-9
o-toluidine	SAK Nru 95-53-4
2-methylaziridine; propyleneimine	SAK Nru 75-55-8
imluħa ta' 2,2'-dichloro-4,4'-methylenedianiline, imluħa ta' 4,4'-methylene-bis(2-chloroaniline)	SAK Nru —
imluħa ta' 3,3'-dichlorobenzidine; imluħa ta' 3,3' dichlorobiphenyl-4,4'-ylenediamine	SAK Nru —
imluħa ta' 3,3'-dimethyloxybenzidine; imluħa ta' o-dianisidine	SAK Nru —
imluħa ta' 3,3'-dimethylbenzidine, imluħa ta' o-tolidine	SAK Nru —
strontium chromate	SAK Nru 7789-06-2
styrene oxide; (epoxyethyl)benzene; phenyloxirane	SAK Nru 96-09-3
sulfallate (OIS); 2-chlorallyl diethyldithiocarbamate	SAK Nru 95-06-7
thioacetamide	SAK Nru 62-55-5
urethane (INN); ethyl carbamate	SAK Nru 51-79-6

Punt 30 - Mutaġeni

Lista 3, kategorija 1

L-ebda sostanza mhi kklassifikata f'din il-kategorija

Lista 4, kategorija 2

1,2-dibromo-3-chloropropane	SAK Nru 96-12-8
acrylamide	SAK Nru 79-06-1
benzo[a]pyrene; benzo[d,e,f]chrysene	SAK Nru 50-32-8
diethyl sulphate	SAK Nru 64-67-5
ethylene oxide; oxirane	SAK Nru 75-21-8
ethyleneimine, aziridine	SAK Nru 151-56-4
hexamethylphosphoric triamide; hexamethylphosoramide	SAK Nru 680-31-9
methyl acrylamidomethoxyacetate (li fih ≥ 0,1 % acrylamid)	SAK Nru 77402-03-0

Punt 31 - Tossiċi għar-riproduzzjoni

Lista 5, kategorija 1

hexafluworosilikat taċ-ċomb	SAK Nru 25808-74-6
aċetat taċ-ċomb	SAK Nru 1335-32-6
alkyls taċ-ċomb	SAK Nru —
azide taċ-ċomb	SAK Nru 13424-46-9
kromat taċ-ċomb	SAK Nru 7758-97-6
komponenti taċ-ċomb bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati x'imkien ieħor f'dan l-Anness	SAK Nru —
di(acetate) taċ-ċomb	SAK Nru 301-04-2
2,4,6-trinitroresorcinoxide taċ-ċomb; styphnate taċ-ċomb	SAK Nru 15245-44-0
lead(II)methanasulphonate	SAK Nru 17570-76-2
trilead bis(orthophosphate)	SAK Nru 7446-27-7
warfarin (*); 4-hydroxy-3-(3-oxo-1-phenylbutyl)coumarin	SAK Nru 81-81-2
Lista 6, kategorija 2	
2-ethoxyethanol; ethylene glycol monoethyl ether	SAK Nru 110-80-5
2-ethylhexyl 3,5-bis(1,1-dimethylethyl)-4-hydroxyphenyl methyl thio acetate	SAK Nru 80387-97-9
2-methoxyethanol, ethylene glycol monomethyl ether	SAK Nru 109-86-4
benzo[a]pyrene; benzo[d,e,f]chrysene	SAK Nru 50-32-8
binapacryl (OIS); 2-sec-butyl-4,6-dinitrophenyl-3-methylcrotonate	SAK Nru 485-31-4
N,N-dimethylformamide; dimethyl formamide	SAK Nru 68-12-2
dinoseb; 6-sec-butyl-2,4-dinitrophenol	SAK Nru 88-85-7
dinoterb; 2-tert-butyl-4,6-dinitrophenol	SAK Nru 1420-07-1
ethylene thiourea; imidazolidine-2-thione; 2-imidazoline-2-thiol	SAK Nru 96-45-7
2-ethoxyethyl acetate; ethylglycol acetate	SAK Nru 111-15-9
methyl-ONN-azoxymethyl acetate; methyl azoxy methyl acetate	SAK Nru 592-62-1
2-methoxyethyl acetate; methylglycol acetate	SAK Nru 110-49-6
nickel tetracarbonyl	SAK Nru 13463-39-3
nitrofen (OIS); 2,4-dichlorophenyl 4-nitrophenyl ether	SAK Nru 1836-75-6
imluħa u *esters* ta' dinoseb, bl-eċċezzjoni ta' dawk speċifikati x'imkien ieħor f'dan l-Appendiċi	SAK Nru —
imluħa u *esters* ta' dinoterb	SAK Nru —

(*) (*)L-isem 'Warfarin' mhuwiex awtorizzat fi Franza.
"